**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 69

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 69 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 5 ta'Ottubru, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier

Skużati

- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.40

**69.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Salerno u Paul Bugeja.

**69.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (68)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 68 bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati kif tressqu.

**69.3 Punti mill-Minuti**

- **Attivita Destination North**

  Minkejja r-riħ enormi u l-problemi marbuta ma rtirar fl-aħħar mumenti ta' kuntratturi li jfornu servizz ta' tined, sound u xogħol marbut ma loġistika, l-attivita' kienet suċċess kbir minn kull att. Tant li għalija attendew eluf ta' persuni. Il-fatt li fl-istess jiem ġie organiżżat l-Airshow, parti minn Triq it-Trunċiera ngħalqet kompletament għat-traffiku bħala mezz ta' sigurta, fejn apparti ħin qasir il-Ħadd ma ġie rrapurtat l-ebda ostakolu għat-traffiku. Is-Sindku informa, li għal 48 parkeġġ li ntilfu temporanjament minħabba dan l-arranġament, ġew offruti 230 ieħor b'xejn wara ftehim li ntleħaq ma lukanda fl-inħawi.

  Il-kunsill irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsill ta' Oroslavje, lill-Ambaxxata tal-India u dik Spanjola, li għamlu tajjeb finanzjarjament biex inġibu l-gruppi mużikali Bluzy Threesome, Astitva minn Bollywood u duo Alejandro u Ana. Irringrazzja ukoll li entitajiet u lin-negozji li kienu spalla finanzjarja mhux żgħira biex ittellet l-attivita'.

- **Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina, Qawra**

  Il-parkeġġ beda jopera l-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2023. Tul l-ewwel 15 il-jum li ilu miftuħ ġew ipparkjati 1,958 vettura; medja ta' 130 vettura kuljum minn massimu ta' 200.

- **Proġett Burmarrad Playground**

  Wara li nżammu laqgħat mal-Perit u l-Project Manager tal-proġett u l-kuntrattur, il-kunsill qabel li b'mod temporanju jinżammu 15% mill-pagament marbut ma xogħol li diġa ġie ċċertifikat bil-kumplament tal-bilanċ jitħallas. Dan sakemm diversi xogħolijiet li ma sarux skond kif mistenni jitranġaw.

- **Proġett Triq Cassarino Playground**

  Wara li nżammu laqgħat mal-Perit u l-Project Manager tal-proġett u l-kuntrattur, il-kunsill qabel li b'mod temporanju jinżammu 15% mill-pagament marbut ma xogħol li l-kuntrattur wettaq u diġa ġie ċċertifikat bil-kumplament tal-bilanċ jitħallas. Dan minħabba l-fatt li x-xogħolijiet waqaw lura ferm minn dak ippjanat. Fl-aħħar ta' Ottubru 2023 se ssir valutenzjoni tax-xogħolijiet imwettqa f'dak l-istadju, fejn se jittieħdu deċiżżjonijiet abbażi ta' dak li jkun sar.

- **Ħajt imġarraf Triq San Gorg**

  28/09/2023 – Intbagħtet ir-risposta ta' l-avukat f'isem il-kunsill kif deċiż.

  Il-kunsill approva li jingħta xhar żmien sabiex il-vettura nkwistjoni titneħħa minn triq pubblika minn sidha. Altrimenti, il-kunsill ma jibqalu l-ebda alternattiva ħlif li tintalab tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex ix-xogħol ta' ilqugħ preventiv jitkompla.

- **Rinovar Lukanda Dolmen**

  10/10/2023 – F'laqgħa ta' informazzjoni bejn it-tmexxija tal-lukanda u l-kunsill dwar l-proġett ta' rinovar intqal, li x-xogħolijiet fuq il-lukanda mistennija jinbdew f'Novembru 2023 u din terġa tiftaħ bħala Double Tree, Hilton f'April 2024. Għajr għal xogħolijiet żgħar, lis-struttura tal-bini se tibqa ntatta.

  Re-lido u l-oġġezzjoni tal-kunsill għal applikazzjoni PA/04577/22, il-kumpanija kkjarifikat, li għajr għaż-żewġ kjosks u l-bokka tal-lift, liema strutturi mistennija jogħlew fl-għoli minn dak eżistenti b'ċirka ta' nofs metru, il-kumplament tas-saqaf eżistenti filfatt se jitbaxxa u b'hekk jinħoloq belvedere ġdid għall-pubbliku.

  Il-kunsill qabel li dan il-punt jiġi vverifikat.

**69.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- ***European Week for Waste Reduction Packing***

  Il-Kulleġġ Maria Reġina tal-Qawra urew interess biex fil-21 ta' Novembru 2023 tiġi organiżżata attivita marbuta ma tindif fil-lokalita. Il-kunsill rringrazzja lill-Kulleġġ.

- ***Kampanja kontra l-Influwenza Staġjonali 2023-24***

  Il-Kunsill qed jipparteċipa fil-kampanja kontra l-influwenza. Irringrazzja lis-sidien tal-Lukanda Gillieru li ġentilment offrew sala fil-livell tat-triq biex tintuża għat-tilqim.

- ***Harmony of Hope - 'Live for Liver' Charity Concert***

  Il-Kunsill approva li lis-stedina ta' l-Eċċellenza tagħha l-ex President tar-Repubblika Marie Loiuse Coleiro-Preca tintlaqa u tingħata l-aħjar għajnuna possibbli.

- ***Cir AKL 2023/086_President's Fun Run 2023***

  Il-Kunsill approva li jorganizza t-trasport mill-lokalita għall-Palazz ta' Verdala u luri diment li jkun hemm ammont biżżejjed ta' persuni li bbukjaw minn qabel.

- ***Regjun Tramuntana Christmas 2023 Assistance Scheme***

  Ir-Reġjun Tramuntana ddeċieda li jagħmel disponibbli €10,000 għall-attivitajiet u/jew dwal tal-Milied. Il-kunsill irringrazza ta' l-assistenza.

- ***Permit for Burial Memorial Ashes***

  Kif sar fil-passat, il-kunsill ma approvax li titwaħħal memorial. Ma dan kollu, ma sabx oġġezzjoni jekk f'każi simili jinżeraw siġar fil-lokalita' b'nota ta' tifkira mwaħħla magħhom.

**69.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**69.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*69.6.* Quarterly Financial Report 3, Lulju – Settembru 2023

L-accountant tal-kunsill spjegat ir-rapport u wieġbet mistoqsijiet li tressqu mill-kunsilliera preżenti. Il-kunsill unanimament qabel li l-item "overtime" jiżdid bi €15,000 biex jagħmel tajjeb għal ispiża rikurrenti tal-parkeġġ taħt l-iskola tal-Qawra u li l-Quarterly Financial Report 3 jiġi approvat bit-tibdil propost. Il-mozzjoni tressqet mill-Kunsillier Anthony Delia u ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima.

**69.7 Triq in-Nawfraġju ta' San Pawl, Xemxija**

Invista tal-perikolu kkawżat tul mhedda twila ta'snin fejn ma ttieħdet l-ebda azzjoni konkreta minn dawk li fuqhom taqa' r-risponsabilita' tat-tiswijiet neċessarji, il-kunsill ressaq rikjesta formali lil Infrastruttura Malta biex possibilment it-triq tinbena mill-ġdid.

4/09/2023 - IM irrispondit, illi, il-pożizzjoni tagħha dwar din il-kwistjoni hija li s-sidien tas-sottostrutturi għandhom jistabbiliżżaw l-istrutturi tagħhom. Ladarba dan jitlesta, IM tipproċedi bil-bini mill-ġdid tat-triq.

Dwar dan il-kunsill qabel mad-deċiżżjoni meħuda, li nvista tal-perikolu ntbagħtet rikjesta lil Transport Malta biex minn naħa tagħha t'approva li parti mit-triq titħalla biss għal aċċess ta' vetturi u ma jsir l-ebda pparkjar.

**69.8 Leave Annwali - Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex sa mhux aktar minn 50% tal-leave annwali akkumulat mis-sena 2023 tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi trasferit għas-sena kalendarja 2024. Bil-leave tal-vaganzi akkumulat mis-sena 2023 għandu jiġi utilizzat l-ewwel. Il-kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni. Il-Kunsill approva nem.con.

**69.9 Kuntratt Knies ta' Toroq Urbani**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt tal-knies inħareġ.

**69.10 Kuntratt Project Manager – Tnaqqis mill-ħlas dovut**

Re-ħlassijiet marbuta ma servizz ta' Project Manager, il-kunsill qabel li mill-ammont dovut taż-żewġ invoices għax-xhar ta' Lulju u Awwissu 2023, għandu jitnaqqas l-ammont ta' €300 minn kull invoice kaġun ta'diversi nuqqassijiet li ma ġewx irrapurtati lill-kunsill b'mod formali.

**69.11 Affarijiet Oħra**

***69.11.1 PA/04935/21*** *Triq is-Sardin c/w, Triq San Gwanni Pawlu II,Burmarrad, Sanctioning of excavation at basement level. Sanctioning of construction of partial basement level and ground floor level. Proposed construction of basement level and proposed alterations at ground floor level to approved PA5374/08. Proposed use of basement level for parking of heavy vehicles and machinery Class 6A.*

B'referenza għad-DPA report, il-Kunsill reafferma mill-ġdid l-oġġezzjoni tiegħu għal approvazzjoni ta' l-applikazzjoni nkwistjoni fuq art ODZ. Jidher, li oriġinarjament, l-applikazzjoni PA/04935/21 ma kinietx tinkludi, la rikjesta għal sanzjonar ta' skavar u wisq anqas għal żvilupp ta' bini. Jekk dan huwa fatt ifisser, li allegatament saru xogħolijiet mingħajr il-permessi meħtieġa minn meta ddaħlet l-applikazzjoni l-hawn.

***69.11.2 PA/06823/21*** *Beefbar on the Beach, Dawret il-Gzejjer, Proposed installation of 3 single point moorings and a floating pontoon. Moorings and pontoon will be demountable in nature and will be installed annually from 1st of May upto 31st October.*

11/10/2023 – Il-Bord ta' l-Appelli fi ħdan l-Awtorita ta' l-Ippjanar ma approvatx l-applikazzjoni nkwistjoni wara oġġezzjonijiet li tressqu mis-Sindku Alfred Grima f'isem il-kunsill u Din l-Art Ħelwa.

***69.11.3 Parkeġġi Residenzjali – suġġerimenti***

Il-kunsill approva li ma TM jitressqu s-suġġerimenti segwenti:

San Pawl, Buġibba, Qawra - Bejn 16.00 - 8.00 hrs

30% tal-parkeġġi eżistenti riservati għar-residenti
20% tal-parkeġġi eżistenti bit-time parking 120 minutes no return within 40 minutes.
50% tal-parkeġġi eżistenti bla restrizzjonijiet.

Kaġun li hemm ftit jew xejn residenti, ġie ssuġġerit, li mil-lista tar-restrizzjoni ta' parkeġġi riservati jiġu eżenti; Triq Dawret il-Gżejjer (Kappella tal-Ħġejjeġ sa l-moll ta' Buġibba).
Pjazza ta' Buġibba (Triq ir-Rebbiegħa sa Triq Ħalel).
Triq it-Trunċiera (Triq il-Maskli sa Triq il-Luzzu).
Triq il-Korp tal-Pijunieri (eskluża l-parti fejn l-ispiżerija).

Qed jiġi ssuġġerit li t-time parking kollha eżistenti jiġu eliminati.

***69.11.4** Bust dedikat lil Patri Elia Vella*

Is-Sindku Alfred Grima ppropona, li l-kunsill jikkummissjona lill-iskultur Indri Attard biex jiskultura bust ta' tifkira għal żewġ personaġġi li għamlu isem lil lokalita ta' San Pawl il-Baħar. Patri Elia Vella u l-kantant lokali Toni Camilleri magħruf bħala l-Bayzo.

Il-kunsillier Stephen Cremona issekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem.con il-proposta u baġit ta' mhux aktar minn €15,000.

***69.11.5 Lezzjonijiet Yoga***

Il-kunsill approva li jiġu avviċinati lis-skejjel pubbliċi biex possibilment fix-xhur tax-Xitwa jibdew jinżammu s-sezzjonijiet ta' Yoga u lezzjonijiet oħra simili.

**69.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

*69.13.01 Ħarġa għal Anzjani – 22 ta' Novembru 2023*

Il-kunsill approva li mill-prezz ta'€11.50 għal kull persuna anzjana, jiġu ssussidjati €6.50 u t-trasport meħtieġ meta tiġi ppreżentata ID card b'indirizz fuq il-lokalita.

**69.14 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru 9**

Il-Kunsilliera Alfred Bray u Antoinette Bezzina ipproponew u ssekondaw rispettivament lis-skeda tal-pagamenti. L-iskeda ġiet approvata nem.con kif tressqet.

**69.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.10 hrs u aġġornata għal 9 ta'Novembru 2023 fil-17.30 hrs

**Approvati fit-9 ta' Novembru, 2023**

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |